22003D0111



**ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT ŻEE**

**Nru 111/2003**

**tas-26 ta' Settembru 2003**

**li temenda l-Anness VI (Sigurtà soċjali) tal-Ftehim ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT ŻEE,

Wara li ikkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn il-quddiem referut bħala "il-Ftehim", u partikolarment l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness VI tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt ŻEE Nru 46/2003 tas-16 ta' Mejju 2003 ([1]).

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Amministrattiva tal-Komunitajiet Ewropej dwar is-Sigurtà Soċjali għall-Ħaddiema Migranti Nru 184 ta' l-19 ta' Diċembru 2001 dwar il-kampjun tal-formoli meħtieġa għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71 u (KEE) Nru 574/72 (E 201 sa E 207, E 210, E 213 u E 215) ([2]), kif ikkorreġuti bi ĠU L 315, tad-19.11.2002, p. 22, għandha tkun inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Dan li ġej għandu jkun miżjud mal-punt 3.43 (Id-Deċiżjoni Nru 158) ta' l-Anness VI tal-Ftehim:

", kif emendat bi:

– **32002 D 0864**: Id-Deċiżjoni Nru 184 ta' l-10 ta' Diċembru 2001 (ĠU L 304, tas-6.11.2002, p. 1), kif ikkorreġuta bi ĠU L 315, tad-19.11.2002, p. 22."

*Artikolu 2*

It-testi tad-Deċiżjoni Nru 184, kif ikkorreġuta bi ĠU L 315, tad-19.11.2002, p. 22, fil-lingwi Islandiż u Norveġiż, li għandhom ikunu ppublikati fis-Suppliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol b'effett fis-27 ta' Settembru 2003, basta li n-notifiki kolha permezz ta' l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru mill-Kumitat Konġunt ŻEE (*).

([1]) ĠU L 193, tal-31.7.2003, p. 16.
([2]) ĠU L 304, tas-6.11.2002, p. 1.
(*) L-ebda ħtieġa kostituzzjonali ma hija indikata.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippublikata fis-Sezzjoni ŻEE ta', u fis-Suppliment ŻEE ta', il-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussel, fis-26 ta' Settembru 2003.

*Għall-Kumitat Konġunt ŻEE*

*Il-President*

H. S. H. PRINZ NIKOLAUS von LIECHTENSTEIN